**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 291/2023/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Abdulgaader Dafer**

Illum 23 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Abdulgaader Dafer**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 132880(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar is-6 ta' April 2023 għall-ħabta tas-6:00p.m. mill-fond nru. 18, St. Anthony, Triq il-Fossa tal-Qamħ, Żejtun:

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok

għad-dannu ta' Antonia Abdilla u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

2. b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmija fis-Sub-Titolu IV tat-Titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioè tkissir ta' ħġieġa tal-bieb ta' barra ta' l-istess fond, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250) u li saret għad-dannu ta' Antonia Abdilla u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 31, 261(b)(ċ)(e), 263(a), 264, 267, 269(g), 278(1)(2), 279(b), 280(2) u l-*proviso* ta' l-istess u 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu tmienja u għoxrin (28) xahar priġunerija.

*Ai termini* ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas lil Antonia Abdilla s-somma komplessiva ta' sebat elef, mija u ħamsin Euro (€7,150), konsistenti fis-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) minnu lilha misruqa u s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150) rappreżentanti l-ħsara minnu kawżata fil-bieb ta' barra tar-residenza tagħha.

*Ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat għall-fini li tipprovdi għas-sigurta' ta' Antonia Abdilla, liema Ordni nħareġ għal perjodu ta' tliet (3) snin dekoribbli mid-data tas-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'digriet mogħti dakinhar stess, liema digriet ġie anness mas-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' Artikolu 382A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilita' tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-

kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u ċioè f'tali eventwalita' jista' jiġi kkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali s-somma komplessiva ta' sitt elef, disa' mija u tnejn u tmenin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€6,982.46) (€2,329.44 u €4,653.02 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-esperti tekniċi John Sacco u Keith Cutajar rispettivament) b'dan illi kemm il-darba dawn l-ispejjeż ma jitħallsux mill-imputat, ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali seta' jipproċedi fil-konfront tiegħu *ai termini* ta Artikolu 533(2) u/jew (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, *ai termini* ta' Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza u tad-digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru 2024, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti, tvarja fejn ikkundannatu għall-perjodu ta' tmienja u għoxrin (28) xahar priġunerija effettiva u minflok tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fic-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-20 ta' Diċembru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-21 ta' Novembru 2024.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-12 ta' April 2023 l-appellant allura imputat tressaq b'arrest quddiem l-Ewwel Qorti fejn ġie akkużat bl-imputazzjonijiet li ġew elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Għandu jingħad li għall-ewwel l-appellant allura imputat ma rreġistra l-ebda ammissjoni ta' ħtija fir-rigward ta' dak li ġie akkużat bih b'dan illi sussegwentement fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2024 (*a fol.* 657) huwa ddikjara quddiem l-Ewwel Qorti li kien ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u huwa kkonferma tali ammissjoni wara li ngħata żmien sabiex jirrikonsidra l-istess ammissjoni. Dakinhar tal-24 ta' Settembru 2024 l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-21 ta' Novembru 2024 b'dan illi mill-verbal tas-seduta miżmuma fil-21 ta' Novembru 2024 quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li qabel il-Qorti msemmija għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha (li minnha eventwalment tressaq appell li dwaru qed tingħata din is-sentenza), l-Ewwel Qorti staqsiet lill-appellant allura imputat jekk fil-mori tad-differiment huwa kienx affettwa xi pagamenti lil *parte civile* Antonia Abdilla fejn huwa wieġeb fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

Illi l-uniku <u>aggravju</u> mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq li din il-piena hekk kif erogata ma kinitx waħda idonea. Jisħaq li kien hemm patteġġjament informali bejn id-difiża u l-Uffiċjal Prosekutur fejn wara li huwa (l-appellant) kien ser jammetti l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu, ġie rakkomandat lill-Ewwel Qorti li minflok tikkundannah piena ta' priġunerija effettiva, hija kellha takkorda sentenza ta' sentejn priġunerija t-terminu ta' liema kellu jkun sospiż għal erbgħa b'dan illi b'applikazzjoni ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta, il-Qorti kellha tagħmel ordni sabiex hu (l-appellant) iħallas lura s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000). Jgħid li l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Joseph Mercieca jista' jikkonferma li din kienet ix-xewqa tal-*parte civile*. Jargumenta li huwa sorprendenti għad-difiża li kuntrarjament li kien maħsub, l-Ewwel Qorti skartat ir-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur, tal-*parte civile* u tad-difiża u minflok ikkundannatu piena ta' ħabs effettiv. Jgħid li dwar dan kollu l-Uffiċjal Prosekutur kien lest jiddeponi quddiem din il-Qorti. Jisħaq li huwa għandu fedina penali netta u li dan il-fattu messu ttieħed in konsiderazzjoni.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha *per se* dwar l-aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li jiġi nnutat li kien **biss** wara li nżammu numru ta' seduti ġmielhom quddiem l-Ewwel Qorti u wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qed tagħlaq il-provi tagħha u li l-appellant allura imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi procedura sommarja u ġew moqrija l-Artikoli tal-liġi li skont l-Avukat Ġenerali setgħet tinstab ħtija fihom fl-appellant allura imputat u l-kawża tħalliet għall-provi tad-difiża li l-appellant allura imputat irreġistra ammissjoni ta' ħtija fil-konfront tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Għal kull buon fini jingħad ukoll li huwa minnu li l-appellant allura imputat għandu kondotta nadifa u dana jirriżulta mill-fedina penali tiegħu li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 2025.

Illi dwar dak imsemmi mill-appellant fl-aggravju tiegħu ossia dwar il-piena li l-Ewwel Qorti ġiet rakkomandata tagħti għandu jingħad li mill-atti proċesswali ma jirriżulta l-ebda aċċenn għal tali rakkomandazzjoni. Ikun opportun li f'dan l-istadju ssir riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Settembru 2023 fl-ismijiet **Ir-Reppubblika ta' Malta vs. Najah Agheez** (Numru 315/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-appellant jilmenta b'mod ewlieni illi wara l-ammissjoni minnu reġistrat fi stadju bikri tal-proċeduri, l-Ewwel Qorti ma żammitx mal-ftehim ippatteġġjat

bejnu u bejn il-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-piena li kellha tiġi erogata.

Illi l-Artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodiċi Kriminali ifassal il-mod kif għandu jsir il-patteġġjament bejn il-Prosekuzzjoni u id-Difiża f'każ illi l-persuna imputata jew akkużata bil-kummissjoni ta' reat turi ix-xewqa li tixtieq tirreġista ammissjoni, meta hemm hekk dispost: –

> **(5) Fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-każ li l-imputat jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom.**
>
> **(6) <u>Il-qorti ma għandhiex, meta tagħti sentenza tagħha, tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5). (enfazi tal-Qorti</u>)**
>
> **(7) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu preċedenti jkunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija, u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla l-każ skont dak imsemmi fis-subartikolu (3) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba**

**tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir l-ammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.**

Illi dan is-sub-inċiz tal-liġi ġie miżjud permezz ta' l-Att VIII tal-2015 meta bl-introduzzjoni ta' din l-emenda fil-Kodiċi Kriminali l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati żdiedet konsiderevolment biex b'hekk issa, meta jkun hemm qbil bejn l-prosekuzzjoni w d-difiża dwar is-sanzjoni li għandha tiġi applikata minn dik il-Qorti, dan għandu jiġi mfisser b'mod formali bil-proċedura addottata tkun simili għal dik addotatat quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi, minn eżami akkurat tal-Atti Proċesswali jirriżulta li nhar il-21 t'April 2023, wara li l-appellant, debitament assistit, irreġistra l-ammissjoni tiegħu, il-Qorti **"semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jittrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil fuq il-parametri li kellha timxi magħhom il-Qorti"**. Madanakollu, ma jirriżultax li fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ġie ppreżentat rikors konġunt ta' patteġjament mill-partijiet, fit-termini tad-disposizzjoni tal-liġi hawn fuq iċċitata. Għaldaqstant, ġialadarba dan l-istess rikors konġunt ma' sarx, skond id-dettami tas-sub-artikolu (5) tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, appena ċċitat, il-Qorti ma kenitx marbuta li tqis, meta tiġi għal kalibrazzjoni tal-piena kwalunkwe ftehim informali li seta' ntlaħaq bejn il-partijiet dwar is-sentenza li kellha tingħata.

Għal dawn il-motivi, l-ilment tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u dan għaliex wara l-ammissjoni minnu reġistrata ma kenux segwiti d-dettami tal-artikolu tal-liġi hawn fuq iċċitat, b'dan għalhekk illi l-appellant

> ħalla f'idejn il-Qorti sabiex tagħti dik il-piena li dehrilha li kienet xierqa u idonja għaċ-ċirkostanzi tal-każ."

Illi fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Keith Cremona** (Numru 389/2022) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, minn eżami tal-iter proċesswali ma jidhirx illi quddiem l-Ewwel Qorti kien ppreżentat xi rikors konġunt ta' patteġjament mill-partijiet, hekk kif tirrikjedi l-Liġi hawn fuq iċċitata, tant għalhekk illi l-Qorti ma kellhiex tieħu konjizzjoni ta' l-ebda ftehim li seta' ntlaħaq dwar is-sentenza li kellha tingħata. Mhux biss, iżda il-Qorti ma hijiex marbuta bil-ftehim ippatteġġjat jekk dan imur kontra l-perswazjoni tagħha u huwa fid-diskrezzjoni tagħha li titbiegħed mill-istess. Illi l-liġi ġiet emendata permezz ta' l-Att VIII tal-2015 biex il-prassi li kienet eżistenti fil-qrati inferjuri fejn ikun sar xi patteġġjament informali, tinqata', bil-qorti għalhekk mhijiex miżmuma tieħu konjizzjoni ta' l-istess meta tiġi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha. Għal dawn il-motivi, dina l-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti mxiet b'mod regolari u legali u għalhekk l-ilment tal-appellant fir-rigward ma jistħoqqlux akkoljiment."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq iċċitat fiż-żewg sentenzi appena msemmija għal każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza u dana peress li din il-Qorti taqbel ma' dak li jingħad fihom. L-istess raġunament hemm imsemmi jaqbel fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti u dana peress li fl-atti proċesswali ta' dan il-każ ma hemm l-ebda Rikors konġunt kif imsemmi hawn fuq.

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet, fost l-oħrajn, is-segwenti (*a fol.* 663):

> "Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati u

ċ-ċirkostanzi f'liema twettqu. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li minkejja dak sottomess mid-Difiża waqt is-sottomissjonijiet dwar il-piena, l-imputat ma effettwa l-ebda pagament, imqar akkont, lil Antonia Abdilla. Ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-fedina penali ta' l-imputat esebita fl-atti hija netta u li għall-finijiet ta' piena t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih."

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tfakkar li fir-rwol tagħha hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena sa fejn tali piena taqa' fil-parametri tal-liġi. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clifford Bugeja** (Numru 196/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"41. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell

Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni."

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omar Yusuuf Hodan** (Numru 231/2009) fejn din il-Qorti qalet hekk:

"Illi dan l-appell tal-Avukat Ġenerali hu limitat għall-piena erogata ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Jiġi ribadut li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx teżorbita mill-parametri tal-liġi jew ma tkunx manifestament waħda esaġerata. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u oħrajn). Illi kif kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti, dan il-prinċipju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba ħatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Ġenerali."

Illi fl-aggravju tiegħu l-appellant jikkontesta l-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti u jisħaq li kellu jingħata terminu ta'

priġunerija t-terminu ta' liema jkun sospiż b'dan illi jkun jista' jingħata żmien sabiex iħallas lill-*parte civile* u f'każ li ma jħallasx fiż-żmien lilu mogħti t-terminu ta' priġunerija sospiż jiġi fis-seħħ. Din il-Qorti tinnota li l-appellant anqas biss wera ebda interess li jibda jħallas xi ħaġa lill-*parte civile* u dana b'mod speċjali wara li ammetta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti u saħansitra lanqas issa li l-każ jinsab quddiem din il-Qorti fi stadju ta' appell. L-appellant messu wera aktar ħeġġa li jħallas xi ammont lill-*parte civile*, ħaġa li ma tirriżultax!

Illi dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat, din il-Qorti tinnota li tali piena taqa' fil-parametri tal-liġi u dana meta jittieħed in konsiderazzjoni dak li l-appellant allura imputat ġie akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti u n-natura serja tal-imputazzjonijiet li huwa ġie misjub ħati tagħhom u li *del resto* ammetta għalihom.

Illi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat hija waħda korretta. Għandu jingħad li ma tressqet l-ebda raġuni valida li b'xi mod jew ieħor tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena msemmija. Għalhekk l-aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Abdulgaader Dafer u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**